MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 760/2003

***Mirage Holdings Limited***

***vs***

***Industrial Abrasive Supplies Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta’ April, 2003, fejn intalab s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf erba’ mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm1461) rappresentanti in kwantu ghal Lm1341 bhala prezz ghal merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata, u in kwantu ghal Lm120 bhala imghaxijiet legali dovuti mis-socjeta’ konvenuta sad-data tal-prezentata ta’ l-avviz.
Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Philip Magri ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tlett mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm1341), bl-imghaxijiet ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) sad-data tal-prezentata ta’ l-avviz, kif ukoll bl-imghaxijiet ulterjuri.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------